**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Frar, 2018

Rikors Nru : 408/17AL

**A B**

**vs**

**C D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-esponenti izzewweg lil C D B nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar, tas-sena elf disgha mija u disghin (1990) gewwa l-Knisja Parrokjali ta' Hal Luqa (certifikat taż-żwieġ esebit, anness u mmarkat Dok 'A';

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta

separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Erika Vella nhar it-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok 'B';

Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieldu zewgt (2) itfal, Malcolm, li twieled fis-7 ta- Gunju 1991, illum maggorenni, u Andrea, li twieldet fis-16 ta' Dicembru 2000, li ghada minorenni;

Illi għaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, tant illi kull waħda mill-partijiet tghix hajja totalment separata minn xulxin;

Illi r-rikorrenti A B obbliga ruhu favur martu C D B illi jissomministralha manteniment ghall-imsemmijin uliedhom, kif jixhed it-tielet (3) paragrafu fit-tieni (2) pagna tal-kuntratt tas-separazzjoni mmarkat Dok. 'B' liema manteniment dejjem thallas u ma hemm l-ebda arretrati;

Illi Malcolm B illum huwa maggorenni u jahdem u ghalhekk ebda manteniment ma huwa dovut;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-konjugi stante li l-partiijiet ddekadew mid-dritt li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin kif jixhed ir-raba' (4) Artikolu tal-kuntratt ta' separazzjoni anness;

Illi għalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijietskond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-żwieġ ta' bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Ottubru, 2017;

Rat illi id-difensur tal-intimata informa lill-Qorti illi l-intimata ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Gunju, 2005;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.